**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs.**

**Melvin Debono**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0304591M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Melvin Debono, iben Joseph Debono u Grace neé Bezzina, imwieled il-Pietà nhar it-12 ta' Ġunju 1991, residenti ġewwa Palm's Crt Flt 2 Triq Melita, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0304591M

akkużat talli fis-07 ta' Diċembru 2022 bejn il-ħinijiet ta' 08:00hrs u 15:00hrs ġewwa Ħal Tarxien f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-eks sieħba Melrose Micallef f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna

tagħha, hekk kif iċċertifikata Dr. Lara Grima Borg miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lill-eks sieħba Melrose Micallef jew lil ħaddieħor, kemm il-darba l- fatt ma kienx waqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il- kodiċi;

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemijja band' oħra fil- kodiċi kriminali lil l- eks sieħba Melrose Micallef, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b' mod li ħareġ barra mill- limiti tal- provokazzjoni;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' Melrose Micallef jew sabiex tinżamm il-bon ordni, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati billi tapplika l-Artikolu 382A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat l-Artikoli 202(h)(iv), 214, 221(3), 222 (1)(a), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-**dokumenti** kollha esebiti fosthom ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1], l-affidavit ta' PC2339 Whitney Hili[2], ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' Melrose Micallef maħruġ miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn ġiet ċertifikata li qiegħda tbati minn feriti ħfief salv għall-kumplikazzjonijiet[3]; ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' Melrose Micallef maħruġ mid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei fejn ġiet ċertifikata li qiegħda tbati minn feriti ħfief salv għall-kumplikazzjonijiet[4]; risk assessment[5];

[1] Bir-referenza GHQ/GBDV/2051/2022, a fol. 16 tal-proċess;
[2] Dokument JG1, fol. 21 tal-proċess;
[3] Dokument JG2, fol. 31 tal-proċess,
[4] Dokument JG3, fol. 31 tal-proċess,
[5] Dokument JG6, fol. 35 tal-proċess,

Semgħet ix-xiehda ta’ **Melrose Micallef** minnha mogħtija nhar il-11 ta’ Ġunju 2024[6].

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-partijiet f’din il-kawża huma ulied tliet minuri. Meta seħħ l-inċident mertu ta’ din il-kawża, huma kienu ilhom madwar erba’ ġimgħat li nfirdu billi l-parte ċivili telqet bit-tfal mid-dar fejn kienu jirrisjedu flimkien.

Dakinhar tal-inċident il-partijiet kellhom jattendu l-Qorti u huma marru flimkien peress li s-sitwazzjoni tagħhom kienet stabbli minkejja t-tmiem tar-relazzjoni. Dakinhar fil-karozza, l-imputat beda jittenta jikkonvinċi lill-parte ċivile sabiex tirranġa miegħu. Hi m’aċċettatx u skatta argument bejniethom, fejn l-imputat beda jgħajjar lill-parte ċivile fil-preżenza tal-ġenituri tiegħu. Fil-karozza huwa qasmilha n-nuċċali li kien xtralha huwa stess u wkoll ħabbtilha rasha mal-pilastru tal-vettura. Heddidha “Illum nimlik bid-daqqiet”. Iktar tard x’ħin din ħarġet mill-karozza dan imbuttaha fil-preżenza ta’ uliedhom u weġġagħha b’tali mod li miċ-Ċentru tas-Saħħa intbagħtet id-Dipartiment tal-Emerġenza għal iktar stħarriġ fejn anke sarilha CT Scan.

Il-Qorti qiegħda temmen il-verżjoni mogħtija mill-vittma in vista li dina tikkombaċa sewwa mal-istqarrija tagħha dakinhar tal-inċident. Minkejja li nsiet xi dettalji, il-Qorti tifhem li għaddew tmintax-il xahar mid-data tal-inċident sa dakinhar li tat ix-xiehda tagħha. Anke l-fatt li din xorta waħda telgħet fil-karozza tal-imputat, ma jnaqqas xejn mil-kredibilità tagħha, fil-fehma ta’ din il-Qorti, u dan għaliex kif spjegat hija stess, kienet kostantament għaddejja bi ġlied u argumenti mal-imputat, li dawn kienu saru għaliha n-normalità u ma kinitx tirrapportahom, anke għandu jingħad għaliex l-imputat kien jimlieha bil-ġid materjali, sitwazzjoni li din il-Qorti sfortunatament tiltaqa’ magħha spiss fil-kawżi tal-vjolenza domestika. Peró dan l-inċident kien tali li kif jingħad bl-Ingliż, it was the straw that broke the camel’s back, u l-vittma irrappurtatu u żammet ferma r-rieda tagħha li tixhed fil-konfront tal-imputat.

[6] Fol. 52 et. seq. tal-proċess;

Id-difiża tqajjem il-punt li peress li ċ-ċertifikati mediċi tal-feriti sofferti minn Melrose, m'humiex maħluf , dawna għandhom jkun skartati minn din il-Qorti tenut kont tal-prinċipju illi f'kawżi ta' natura kriminali bħalma hija din, għandha dejjem tinġieb l-aqwa prova.

Din il-Qorti kkunsidrat il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'din il-materja, minn fejn jirriżulta illi l-Qrati tagħna ma jinsistux fuq il-ħalfa taċ-ċertifikat mediku, f'**kull** ċirkostanza, sabiex tinġieb l-aqwa prova, iżda l-Qorti f'kull każ li teżamina trid tikkonsidra l-assjem tal-provi:

> *"Għalhekk din il-Qorti filwaqt li tqis li ai fini tal-aħjar prova ma huwiex meħtieġ li jitla' jixhed it-tabib li jkun irrilaxxa ċ-ċertifikat u għalhekk lanqas affidavit ma huwa meħtieġ."*[7]

> *"Hi żbaljata l-idea, spiss ventilata quddiem din il-Qorti, li biex issir prova skond il-liġi u sal-grad li trid il-liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-deposizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew deposizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-deposizzjoni ta' xhieda oħra, inkluża l-parti offiża, jibqa' xi dubbju raġjonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża."*[8]

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ in eżami, l-assjem tal-provi dwar dawn il-ġrieħi huwa tali li l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-vittma sofriet il-feriti skont iċ-ċertifikati mediċi, li l-feriti huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikati, u li kien l-imputat li għamel dawn il-feriti fuq il-persuna ta' Melrose Micallef. L-aggressjoni tiegħu partikolarment fil-preżenza ta' uliedhom tant żgħar huwa aġir deplorevoli u ma jistax jiġi ttollerat minn din il-Qorti u dan ser ikun rifless fil-piena li biha qed jiġi kkundannat l-imputat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 202(h)(iv), 214, 221(3), 222(1)(a), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputat

[7] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Appell Nru: 46/2020 Il-Pulizija vs. Anthony Aquilina, 14 ta' Lulju, 2020;
[8] Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Numru: 33/1999, Il-Pulizija vs. Generoso Sammut, mogħtija nhar it-2 ta'Awwissu 1999;

**ħati** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda tikkundannah **tliet (3) xhur priġunerija**.

Inoltre, il-Qorti, peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412Ċ(1) tal-Kapitolu 9, qiegħda a tenur tal-Artikolu **382A** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati a favur ta' Melrose Micallef u dan għal żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat li jekk jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat' elef ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur